**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Appell Numru: 169/2023**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Anthony SCICLUNA**

**Illum, 4 ta' Settembru, 2024**

Il-Qorti,

Rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell tal-Avukat Ġenerali minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar it-12 ta' April 2023 fil-konfront ta' **Anthony SCICLUNA**, imwieled nhar is-7 ta' Mejju 1962, residenti ġewwa 5, Il-Girna, Triq il-Ferrovija, Mtarfa, Malta u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 309262(M), li ġie mixli talli:

   Bħala persuna reġistrata mal-Kummissarju tat-Taxxi skont l-Att XXIII tal-1998 u regolamenti magħmula bis-saħħa tal-istess Att, waqt spezzjoni ta' sorpriża illi seħħet fid-29 ta' April 2022 ġewwa *Howard Garden Kiosk*, Misraħ Saqqajja, Rabat, Malta, irriżulta li jew hu jew impjegati tiegħu jew xi persuna oħra li kienet qed taġixxi għan-nom tiegħu, offra li

jipprovdi servizz u/jew prodott lill-persuna oħra u/jew espona għall-bejgħ oġġetti, waqt li kien sprovvist minn *cash register* fiskali u/jew kotba tar-riċevuti fiskali manwali, kif maħruġa jew approvati mill-Kummissarju tat-Taxxi, u dan bi ksur tal-partiti 1,2, 3 u 10 tat-Tlettax-il Skeda tal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Att Nru. XXIII tal-1998) u l-artikoli 51 u 77(o), 81 u 82 tal-istess Att.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ma sabitx lil **Anthony SCICLUNA** ħati tal-imputazzjoni dedotta kontrih u lliberatu minn kull ħtija u piena.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi permezz ta' rikors ta' l-appell intavolat fir-Reġistru ta' din il-Qorti fil-5 ta' Mejju 2023, l-Avukat Ġenerali appellat minn din is-sentenza u talbet lil din il-Qorti sabiex "***tħassarha u tirrevokaha** fejn illiberat lill-appellat mill-imputazzjoni dedotta kontrih, u minflok tgħaddi biex issib ħtija u tinfliġġi piena skont il-liġi.*"

4. Illi fl-udjenza miżmuma quddiem din il-Qorti fil-5 ta' Diċembru 2023, Dr. Brandon Bonnici għall-Avukat Ġenerali ddikjara illi kien qed jirrimetti ruħu għall-kontenut tar-rikors tal-appell u illi ma kellu xejn x'iżid ma' dan, filwaqt illi Dr. Joseph Bonnici għall-appellat irrimetta ruħu għall-atti proċesswali u għad-deċiżjoni tal-Qorti.

## D. KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

5. Illi l-ilment tal-Avukat Ġenerali fl-uniku aggravju mressaq minnha huwa dwar l-apprezzament tal-provi magħmul mill-ewwel Qorti illi lliberat lill-appellat stante illi fil-fehma tagħha, il-Prosekuzzjoni ma setgħetx tistrieħ biss fuq ix-xhieda ta' Claude Bonnici, iżda kellha tressaq bħala xhud ukoll lil Fabian Scicluna, u konsegwentement il-Prosekuzzjoni la ressqet l-aħjar

prova u lanqas laħqet il-livell ta' prova rikjest fil-kamp kriminali. L-Avukat Ġenerali tagħmel referenza għall-Artikolu 82(2) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, u ssostni illi sabiex l-appellat seta' jeżimi ruħu mir-responsabilita` penali, huwa kellu jressaq il-prova, sal-grad tal-probabbli, illi huwa aġixxa b'diliġenza, u illi ħa l-prekawzjonijiet kollha neċessarji sabiex jara li ma jseħħux vjolazzjonijiet tal-liġi fl-istabbiliment illi kien taħt ir-responsabilita` tiegħu. L-Avukat Ġenerali ssostni illi l-Ispettur tad-Dipartiment tal-VAT xehed kif dakinhar tad-29 ta' April 2022, kienu osservaw illi l-kjosk tal-appellat ma ħariġx żewġ riċevuti għall-bejgħ f'żewġ okkażjonijiet, u illi Fabian Scicluna qalilhom illi l-*cash register* fiskali ma kinitx qegħda taħdem, u illi lanqas ma kellhom kotba tar-riċevuti. Issostni wkoll illi minkejja li l-appellat xehed illi kellhom il-ktieb tar-riċevuti, u ġew esebiti minnu numru ta' riċevuti, jibqa' l-fatt illi meta marru l-Ispetturi tad-Dipartment, la kien hemm *cash register* taħdem, u lanqas ma ġew murija l-ktieb tar-riċevuti. Għalhekk ma jirriżultax ippruvat illi dak il-ħin ħarġu r-riċevuti. L-Avukat Ġenerali tgħid illi l-oneru tal-prova hija fuq l-appellat illi kellu jipprova illi huwa ma kienx responsabbli għal dan in-nuqqas.

6. Illi fir-rigward tal-aggravju tal-Avukat Ġenerali, din il-Qorti tirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) tal-21 ta' April 2005, fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit</u>** fejn ingħad is-segwenti:

> ... kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux

addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.[1]

7. Illi din il-Qorti tagħmel referenza għall-Artikoli 51 u 77(o) tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta, liema dispożizzjonijiet tal-liġi jaqraw bil-mod segwenti:

> 51. Kull persuna li tagħmel xi provvista, ħlief għal provvista eżenti bla kreditu jew ħlief għal provvista li dwarha hija meħtieġa li tinħareġ fattura ta' taxxa skont l-artikolu 50, għandha tipprovdi lill-persuna li lilha ssir il-provvista fattura, riċevuta jew dokument ieħor li għandu jinħareġ fil-forma u b'dak il-mod u għandu jkun fih dawk il-partikolaritajiet kif murija fit-Tlettax-il Skeda.
>
> 77. Kull persuna li –
>
> ...
>
> (o) tipprovdi jew toffri li tipprovdi lil persuna oħra u, jew tesponi għall-bejgħ oġġetti, waqt li tkun sprovvista, fil-lok fejn tipprovdi jew toffri li tipprovdi lil persuna oħra u, jew tesponi għall-bejgħ oġġetti, minn *cash register* fiskali jew kotba tar-riċevuta fiskali kif maħruġa jew approvati mill-Kummissarju.
>
> tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja –
>
> (i) multa ta' mhux inqas minn sitt elef euro (€6,000) u mhux iżjed minn għaxart elef euro (€10,000) fil-każ ta' reati taħt il-paragrafi *(ċ)* u *(d)*; u

[1] Fir-rigward, dik il-Qorti rreferiet ukoll għas-segwenti sentenzi: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991.

(ii) multa ta' mhux inqas minn seba' mitt euro (€700) u mhux iżjed minn tliet elef u ħames mitt euro (€3,500) fil-każ ta' reati taħt il-paragrafi l-oħra …

8. Illi minn qari ta' dawn id-dispożizzjonijiet tal-liġi jirriżulta illi kull persuna li toffri prodott bi ħlas lill-persuna oħra, għandha l-obbligu bil-liġi li tipprovdi lil dik il-persuna li tkun hekk akkwistat dak il-prodott, fattura, riċevuta jew dokument fiskali permezz tal-użu ta' *cash register* jew permezz tal-użu manwali ta' kotba ta' riċevuti fiskali fil-forma kif maħruġa jew approvata mill-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana. Fejn oġġetti huma esposti għall-bejgħ, ukoll jinkombi fuq tali persuna li jkollha, fuq il-lok, *cash register* fiskali jew kotba tar-riċevuti fiskali, kif maħruġa jew approvati mill-Kummissarju. Fin-nuqqas, tali persuna tkun ħatja ta' reat. L-unika eżenzjoni mir-responsabbiltà penali li tippreskrivi l-liġi hija dik fl-Artikolu 82 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, li fis-subartikolu (2) jaqra hekk:

> (2) Meta xi ħaġa ssir jew tonqos milli ssir minn impjegat fit-twettiq tal-impieg tiegħu, jew minn persuna li tkun qed taġixxi għan-nom ta' dik il-persuna reġistrata, sew jekk dik il-persuna l-oħra tkun impjegata sew jekk ma tkunx, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima bħalli kieku dik il-ħaġa tkun saret jew naqset milli ssir sew minn dak l-impjegat jew persuna oħra innifisha kif ukoll mill-prinċipal tagħhom jew persuna reġistrata: iżda dak il-prinċipal jew persuna reġistrata ma jkunx ħati ta' reat taħt dan is-subartikolu <u>jekk iġib prova li ma kienx jaf u li ma setax b'diliġenza raġonevoli jkun jaf b'dak l-egħmil jew nuqqas u li huwa għamel kull ma seta' jagħmel sabiex iżomm milli jsir dak l-egħmil jew nuqqas</u>. [sottolinear tal-Qorti]

9. Dan ifisser illi meta xi ħaġa ssir, jew tonqos milli ssir minn persuna li tkun qed taġixxi għan-nom tal-persuna reġistrata, għandu jiġi meqjus illi dik il-ħaġa tkun saret jew naqset milli ssir mhux biss minn dik il-persuna l-oħra, iżda wkoll mill-prinċipal tagħha jew mill-persuna reġistrata. Madankollu, il-persuna reġistrata tista' teżimi ruħha minn din ir-responsabilita` vikarja kemm il-darba tipprova, fuq bażi ta' probabbilta` illi a) ma kinitx taf u li ma setgħetx b'diliġenza raġonevoli tkun taf b'dak l-egħmil jew nuqqas, **<u>u</u>** b) li hija għamlet kull ma setgħet tagħmel sabiex iżżomm milli jsir dak l-

egħmil jew in-nuqqas. Fir-rigward qegħda ssir referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, tas-16 ta' Diċembru 2015, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alison Vasuani** fejn il-Qorti għamlet referenza għal sentenza oħra ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, tat-30 ta' Marzu 2000, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emmanuel Scerri**, fejn fir-rigward ingħad hekk:

> Mela l-persuna registrata trid tkun hi li tipprova dawn ic-cirkostanzi w dana almenu fuq bazi ta' probabbilita' - li hu l-kriterju tal-grad tal-prova impost fuq l-akkuzat fil-kamp penali, fejn hu tenut li jipprova xi haga. Izda ma hux bizzejjed biex wiehed jezimi ruhhu mir-responsabbilta` vikarja taht l-Artikolu 82(2) li semplicement jghid li hu ta struzzjonijiet lill-impjegati tieghu. (Il-pulizija vs Vincent Mifsud; App. Krim- deciza 06/06/2003).

10. Jingħad madankollu illi minkejja li l-persuna reġistrata jew il-prinċipal għandu l-piż tal-inverżjoni tal-prova, dan ma jfissirx illi l-Prosekuzzjoni hija eżentata milli tagħmel il-prova tagħha fil-grad rikjest mil-liġi. Fil-każ odjern, qabel l-inverżjoni tal-prova, kien jeħtieġ illi l-Prosekuzzjoni l-ewwel u qabel kollox tipprova illi l-appellat – jew hu jew impjegat tiegħu jew persuna li kienet qed taġixxi għan-nom tiegħu - kien qiegħed jaġixxi bi ksur tal-liġi u ċioe` illi dakinhar tad-29 ta' April 2022, huwa kien sprovvist minn *cash register fiskali* jew kotba ta' riċevuti fiskali fuq il-lok fejn kien qed jipprovdi jew joffri li jipprovdi lil persuna oħra, jew jesponi għall-bejgħ oġġetti.

11. Illi m'hemmx dubju f'dan il-każ, illi l-persuna reġistrata għal fini ta' taxxa fuq il-valur miżjud għal *Howard Garden Kiosk* ġewwa r-Rabat, Malta kienu l-appellat u ċertu Bradley Deguara, li ġie mixli fi proċeduri separati. Dan ma ġie bl-ebda mod kontestat, lanqas quddiem l-ewwel Qorti u in oltre jirriżulta mid-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni quddiem l-ewwel Qorti. Jirriżulta mix-xhieda ta' Claude Bonnici, Spettur tal-VAT fi ħdan id-Dipartiment tal-VAT, illi fil-jum in kwistjoni, huwa u l-kollega tiegħu osservaw żewġ episodji ta' bejgħ mill-imsemmi *Kiosk*, li fihom ma ngħatatx ir-riċevuta. Jixhed in oltre illi min ottjena l-flus, ċertu Fabian Scicluna, illi mix-xhieda tal-appellat Anthony Scicluna, jirriżulta illi huwa ibnu, qalilhom illi l-*cash register* ma kinitx qed taħdem, kif ukoll illi ma

kellhomx kotba tar-riċevuti. Mistoqsi in kontro-eżami jekk kienx ra l-ktieb tar-riċevuti, Bonnici xehed "*M'hemmx bzonn narah jien saqsejtu ghalihom l-affarijiet u qalli li ma jahdmux*". Ix-xhud jgħid illi ma jiftakarx jekk is-sidien ossia l-appellat u Bradely Deguara kinux fuq il-post.

12. Illi da parti tiegħu, l-appellat Anthony Scicluna jixhed illi dakinhar fil-lok in kwistjoni kien hemm Etienne u Fabian Scicluna u illi huwa wasal iżjed tard, meta l-Uffiċjali mid-Dipartiment tal-VAT kienu għadhom fuq il-post u skont hu, spjegalhom is-sitwazzjoni. Jgħid illi l-*cash registers* ma kinux qed jaħdmu, iżda kellhom il-ktieb tar-riċevuti. Huwa esebixxa numru ta' riċevuti bid-data tad-29 ta' April 2022. Iżjed tard wara li l-Qorti ġibditlu l-attenzjoni illi ma kellux wisq riċevuti bid-data tal-jum in kwistjoni, Scicluna jgħid illi dakinhar stess ħa l-*cash register* għat-tiswija u iżjed tard ħadmu biha. In kontro-eżami, huwa jinsisti li kellu l-ktieb tar-riċevuti.

13. Fir-rigward, il-Qorti tqis illi Scicluna ma kienx veritier fix-xhieda tiegħu, meta jgħid illi dakinhar stess issewwiet il-*cash register* u ħadmu biha u dan għaliex mid-dokument esebit minnu stess, Dok. AS 6, maħruġ minn ċertu Ivan Cezek mis-soċjeta` Zero Bubble Ltd., jirriżulta illi "*The Client has informed us that on 29th April 2022, a Vat Inspector visited his shop and both machines were in the state of error. As soon as they left, Mr. Scicluna phoned us and made an appointment for next day repairs. He brought it to us and we remedied the fault*". Dan ifisser allura illi mhux minnu illi dakinhar stess Scicluna ħa l-*cash register* sabiex tissewwa u komplew jaħdmu biha fl-istess jum. Lanqas din il-Qorti ma temmen illi Scicluna mar fuq il-post waqt illi l-Ispetturi tal-VAT kienu għadhom fuq il-post u wriehom il-ktieb tar-riċevuti għaliex kieku kien hekk, huwa ma kienx jiġi mixli bl-imputazzjoni odjerna. Għalhekk il-Qorti ma tistax tistrieħ fuq ix-xhieda ta' Scicluna illi dakinhar verament kellhom il-ktieb tar-riċevuti tal-VAT fil-lok in kwistjoni.

14. Mill-banda l-oħra, il-Prosekuzzjoni baqgħet ma ressqitx lil Fabian Scicluna bħala xhud f'dawn il-proċeduri. Dan ifisser illi l-kliem ta' Fabian Scicluna, li xehed dwaru Claude Bonnici, baqa' biss xhieda fuq kliem ħaddieħor jew *detto del detto*. Kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella et</u>** tat-30 ta' Ġunju 2015 dwar tali xhieda:

> Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi *hearsay evidence* iżda jekk dak rapportat hux *hearsay evidence* jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun *hearsay evidence* u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx *hearsay evidence* u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra. …

15. Fil-każ odjern oltre għax-xhieda ta' Claude Bonnici dwar dak li qallu Fabian Scicluna, m'hemm l-ebda prova oħra diretta fis-sens illi l-*kiosk* in kwistjoni la kellu *cash register* u lanqas ktieb tar-riċevuti, b'dan għalhekk illi l-prova dwar il-kliem li ntqal minn Fabian Scicluna, ma tista' tikkorrobora l-ebda prova oħra. Il-fatt illi Bonnici nnota illi mill-*kiosk* in kwistjoni kienu qed jinbiegħu oġġetti mingħajr ma tingħata riċevuta fiskali, ma jfissirx neċessarjament illi l-bejjiegħ jew f'dan il-każ, l-appellat, kien sprovvist mill-ktieb tar-riċevuti fl-istess lok. Huwa evidenti illi l-prova li ttentat tagħmel il-Prosekuzzjoni tramite x-xhieda ta' Bonnici fuq kliem ħaddieħor, ma kinitx sempliċiment prova illi dak il-kliem fil-fatt intqal, iżda prova tal-kontenut ta' dak il-kliem; prova din illi bħala *hearsay evidence*, m'hijiex ammissibbli. Għalhekk fin-nuqqas ta' prova oħra fir-rigward, l-ewwel Qorti ma setgħetx tistrieħ fuq ix-xhieda ta' Bonnici sabiex issib ħtija fl-appellat dwar l-imputazzjoni kif dedotta kontra tiegħu, u dan meta wieħed iqis illi l-Prosekuzzjoni xliet lill-appellat biss bir-reat fit-termini tal-Artikolu 77(o) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta.

16. Għaldaqstant, f'dawn iċ-ċirkostanzi, l-ewwel Qorti kienet korretta meta ddikjarat illi sabiex il-Prosekuzzjoni setgħet tipprova l-każ tagħha fil-grad rikjest mil-liġi, ma setgħetx tistrieħ biss fuq ix-xhieda ta' Claude Bonnici, iżda kellha wkoll tressaq bħala xhud lil Fabian Scicluna, bir-riżultat illi la tressqet l-aħjar prova u lanqas intlaħaq il-livell tal-prova rikjest fil-kamp

kriminali sabiex seta' jitqies integrat ir-reat taħt l-Artikolu 77(o) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta.

17. Magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet, l-aggravju tal-Avukat Ġenerali qiegħed għalhekk jiġi miċħud.

**DECIDE**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet suesposti, taqta' u tiddeciedi billi tiċħad l-appell tal-Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**

**Joyce Agius**
**Imħallef**